# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2016

**Kawża Nru 35**

**Ċitazz. Nru. 326/04JRM**

Joseph John **GRECH**

vs

**AVUKAT ĠENERALI TAR-REPUBBLIKA**, u Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Mejju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni li huwa ġarrab bit-teħid kontrih ta' proċeduri quddiem il-Qrati kriminali, minn liema proċeduri huwa kien inħeles għal kollox, u għat-telf ta' dħul, telf ta' promozzjonijiet, u ħsara oħra li huwa ġarrab minħabba f'hekk; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnu minħabba f'dan; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil

min minnhom, biex iħallsuh il-kumpens hekk mistħoqq u likwidat bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2004[1], li bih tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Noti mressqin mill-attur fit-22 ta' Lulju, 2004 u fis-6 ta' Ottubru, 2004, bl-ismijiet tax-xhieda u x-xhieda tiegħu b'affidavit mehmużin magħhom[2];

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2004 li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tathom direttivi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Diċembru, 2004, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur; qalu li l-kwestjoni kienet milquta mill-ġudikat, ladarba fil-proċeduri kostituzzjonali b'sentenza kien ingħata kumpens għat-telf li ġarrab u dik is-sentenza għalqet il-kwestjoni b'mod definittiv. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt, billi huma jew min minnhom imxew mal-liġi f'kulma sar u ma jaħtu għall-ebda danni lejn l-attur. Partikolarment, żiedu li l-attur ingħata s-salarju kollu li kien inżammlu waqt li kien sospiż, flimkien mal-promozzjonijiet li kien ikun eliġibbli għalihom u maż-żidiet fl-iskala tas-salarji li jġibu magħhom. Dwar il-pretensjonijiet tal-attur dwar telf ta' sahra, *sick leave* jew ħlas *extras*, qalu li dawn ma jistax jippretendihom bi dritt b'mod awtomatiku, u jitħallsu biss jekk jinħadmu u jinħadmu jekk min iħaddem jitlobhom. Dwar in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol band'oħra, l-imħarrkin qalu li qatt ma fixklu lill-attur minn dan, tant li meta talab li jitħalla jagħmel xogħol *part-time* band'oħra waqt li kien sospiż mis-servizz, l-attur kien tħalla jagħmel dan bla xkiel;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2005[3], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mill-istess xhieda;

---

[1] Paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[2] Paġġ. 20 – 5 tal-proċess
[3] Paġ. 71 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Lulju, 2008[4], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-20 ta' Novembru, 2008[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-26 ta' Frar, 2009[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 751/00GCD maqtugħ fid-29 ta' Ottubru, 2002;

Rat id-degrieti li bihom il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. L-attur jgħid li huwa ġarrab danni minħabba li kien sospiż mix-xogħol tiegħu bħala uffiċjal fil-korp tal-Pulizija wara li tnedew proċeduri kriminali kontrih. Huwa kien inħeles mill-akkużi kollha wara li sar Ġuri li fih ma kien instab ħati tal-ebda waħda mill-akkużi li kien mixli bihom. Huwa jgħid li minħabba ż-żmien li ħadu l-imsemmija proċeduri kriminali u l-ħlasijiet li tilef matul dak iż-żmien, minbarra t-telf ta' opportunitajiet li jimxi 'l quddiem fil-karriera tiegħu, ġarrab danni li jrid li l-imħarrkin, jew min minnhom, jagħmlu tajjeb għalihom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur; qalu li l-kwestjoni kienet milquta mill-ġudikat, ladarba fil-proċeduri kostituzzjonali b'sentenza kien ingħata kumpens għat-telf li ġarrab u dik is-sentenza għalqet il-kwestjoni b'mod definittiv. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt, billi huma jew min minnhom imxew mal-liġi f'kulma sar u ma jaħtu għall-ebda danni lejn l-attur. Partikolarment, żiedu li l-attur ingħata s-salarju kollu li kien inżammlu waqt li kien sospiż, flimkien mal-promozzjonijiet li kien ikun eliġibbli għalihom u maż-żidiet fl-iskala tas-

[4] Paġ. 191 tal-proċess
[5] Paġġ. 193 sa 201 tal-proċess
[6] Paġġ. 205 sa 213 tal-proċess

salarji li jġibu magħhom. Dwar il-pretensjonijiet tal-attur dwar telf ta' sahra, *sick leave* jew ħlas *extras*, qalu li dawn ma jistax jippretendihom bi dritt b'mod awtomatiku, u jitħallsu biss jekk jinħadmu u jinħadmu jekk min iħaddem jitlobhom. Dwar in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol band'oħra, l-imħarrkin qalu li qatt ma fixklu lill-attur minn dan, tant li meta talab li jitħalla jagħmel xogħol *part-time* band'oħra waqt li kien sospiż mis-servizz, l-attur kien tħalla jagħmel dan bla xkiel;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur twieled fil-21 ta' Mejju, 1961 u kellu l-ewwel impieg '*full time*' f'Settembru tal-1977;

Illi l-attur daħal fil-korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli (Tielet Klassi) fl-10 ta' Diċembru tal-1984. B'seħħ mit-13 ta' Diċembru tal-1986, kien promoss għall-grad ta' Surġent (Tielet Klassi) wara li għadda eżami intern li nżamm f'Novembru tal-1985[7] minn sejħa interna minn fost kuntistabbli rġiel fil-Korp fl-24 ta' Ottubru, 1985[8];

Illi fil-5 ta' April, 1987, waqt attivita' politika li nżammet fir-Rabat, inqalgħu inċidenti serji li fihom indarbu xi persuni u ntużaw armi tan-nar. Dak iż-żmien, l-attur kien jagħmel parti mit-taqsima magħrufa bħala SMU. B'riżultat ta' dawn l-inċidenti, tnediet inkjesta u l-attur kien wieħed mill-uffiċjali tal-korp li dwarhom sar stħarriġ;

Illi l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'April tal-1988;

Illi b'riħet l-imsemmija proċeduri, l-attur kien sospiż (interdett) mis-servizz tiegħu fil-Korp, skond ma jipprovdu r-regolamenti dwar Proċedura ta' Dixxiplina fis-servizz pubbliku[9], b'seħħ mill-25 ta' April tal-1988, u mħallas nofs is-salarju sakemm idum hekk sospiż[10];

Illi fil-5 ta' Awwissu tal-1988[11], l-attur talab lill-Kummisarju jħallih jaħdem xogħol '*part-time*' sakemm idum sospiż, ħalli jkun f'qagħda li jgħin lill-familja finanzjarjament. It-talba tiegħu ntlaqgħet f'Novembru tal-1988[12], wara li l-Kummissarju talab il-fehma tat-Taqsima tal-*Establishments*[13];

[7] Dok "SG14", f'paġ. 103 tal-proċess
[8] Dok "SG13", f'paġġ. 102A – 102D tal-proċess
[9] Dak iż-żmien kien jgħodd l-A.L. 5 tal-1977
[10] Dok "KTP8", f'paġ. 50 tal-proċess
[11] Dok "KTP6", f'paġ. 48 tal-proċess
[12] Dok "KTP7", f'paġ. 49 tal-proċess
[13] Dok "ES1", f'paġ. 124 tal-proċess

Illi minħabba din il-qagħda, l-attur beda jbati minn tensjoni u waqa' f'dipressjoni u għal żmien twil kien taħt il-kura ta' tobba[14];

Illi fit-2 ta' Jannar tal-1992[15] inħareġ Att ta' Akkuża mill-imħarrek Avukat Ġenerali fil-konfront tal-attur, u li bih l-attur kien mixli b'bosta reati taħt erba' (4) kapi ta' akkuża;

Illi mill-provi mressqa[16] jidher li l-attur sab impieg '*part time*' bejn Frar tal-1993 u Frar tal-1995, bejn Novembru tal-1995 u Novembru tal-1996 u bejn Jannar tal-1998 u Lulju tal-1999, bħala '*barman*' jew '*security officer*' ma' stabilimenti kummerċjali jew lukandi;

Illi l-Ġuri nżamm f'Jannar tal-2000, u b'verdett mogħti fil-21 ta' Jannar, 2000[17], l-attur instab mhux ħati tal-akkużi kollha li kien mixli bihom u nħeles b'sentenza li ngħatat dakinhar[18];

Illi fl-1 ta' Frar tal-2000, il-Kummissarju kiteb lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex titneħħa l-interdizzjoni li taħtha kien tqiegħed l-attur. B'ittra tas-16 ta' Frar, 2000[19], l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bagħat jgħarrfu li qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-imsemmija Kummissjoni u l-interdizzjoni minn fuq l-attur tneħħiet b'seħħ mill-11 ta' Frar ta' dak l-istess xahar;

Illi l-attur iddaħħal lura għax-xogħol fit-taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Mitjar Internazzjonali ta' Malta b'seħħ mis-17 ta' Frar, 2000[20], fil-grad ta' Surġent (Ewwel Klassi) imma bid-dritt li jitħallas l-*increments* stabiliti b'seħħ minn dakinhar li kien joħodhom li kieku ma kienx interdett[21];

Illi f'Marzu tal-2000[22], l-attur tħallas is-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u tmenin Lira Maltin u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (Lm 19,980.47) magħmula mis-salarji mhux imħallsa matul iż-żmien li kien sospiż mis-servizz b'nofs paga. L-imsemmija somma kienet tgħodd fiha wkoll l-*bonuses* statutorji, żidiet tal-għoli tal-ħajja arretrati miftehma fil-ftehim kollettiv u ż-żidiet kollha ('*increments*') li kien intitolat għalihom meta ngħata l-promozzjonijiet[23];

---

[14] Dok "SS1", f'paġ. 120 tal-proċess
[15] Att ta' Akkuża 1/92 Dok "PM", f'paġġ. 162 – 8 tal-proċess
[1616] Dok "JD", f'paġġ. 183 – 5 tal-proċess
[17] Dok "PM", f'paġġ. 169 – 172 tal-proċess
[18] Dok "JJG1", f'paġ. 6 tal-proċess
[19] Dok "KTP9", f'paġ. 51 tal-proċess
[20] Dok "KTP10", f'paġ. 52 tal-proċess
[21] Dok "KTP11", f'paġ. 53 tal-proċess
[22] Dokti "KTP3" u "KTP12", f'paġġ. 37 u 54 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Christopher Galea f'paġ. 125 tal-proċess

Illi l-attur fetaħ kawża kontra l-Avukat Ġenerali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sedi Kostituzzjonali) fit-13 ta' Lulju, 2000[24], li fiha lmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dik il-Qorti qatgħet il-kawża b'sentenza fid-29 ta' Ottubru, 2002[25], li fiha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li l-ilment tiegħu kien mistħoqq u illikwidat kumpens ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm 600) flimkien mal-ispejjeż ta' dik il-kawża. Ma sar l-ebda appell minn dik is-sentenza;

Illi 24 ta' Diċembru tal-2002[26], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-intimati li bih żammhom responsabbli għad-danni li kien ġarrab u talabhom jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-istess danni;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fil-5 ta' Mejju, 2004;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ, il-Qorti jidhrilha xieraq li għandha tqis l-ewwelnett iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li qajmu l-imħarrkin. L-ewwel eċċezzjoni preliminari hi li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi u li għall-ilmenti tal-istess attur iwieġeb il-Kummissarju mħarrek. It-tieni waħda hi li l-mertu tal-pretensjonijiet tal-attur huma milquta bil-ġudikat;

Illi dwar l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** l-imħarrkin jibnuha fuq dak li jiddisponi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħqu li l-attur ma kellux iħarrek lill-Avukat Ġenerali wkoll ladarba ħarrek lill-Kummissarju;

Illi l-attur irribatta din l-eċċezzjoni u seħaq li l-imħarrek Avukat Ġenerali jidher għall-istat Malti u jrid iwieġeb għad-danni li ġarrab minħabba l-proċeduri li tnedew minnu kontrih quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali u ż-żmien li għadda sakemm l-istess proċeduri ntemmu;

Illi l-Qorti tqis li l-azzjoni mressqa mill-attur hija waħda għad-danni u mhijiex maħsuba u la biex twaqqa' xi liġi u lanqas biex tiftaħ mill-ġdid ilment dwar il-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali li kienu nbdew kontrih;

Illi f'dan ir-rigward, il-liġi hija ċara u l-istess ħaġa jista' jingħad għad-deċiżjonijiet li jagħtu minn żmien għal żmien dawn il-Qrati dwar il-post tal-Avukat Ġenerali fi proċeduri bħal dawn. Il-fatt li l-liġi tgħid[27] li f'kawżi

[24] Rik. Nru. 751/00GCD
[25] Dok "JJ2", f'paġġ. 8 – 14 tal-proċess
[26] Dok "JJ3", f'paġġ. 15 – 7 tal-proċess
[27] Art. 181B(3) tal-Kap 12

kontra l-Gvern l-Avukat Ġenerali għandu jkun notifikat b'atti ġudizzjarji, ma jfissirx li dan iġib lill-Avukat Ġenerali bħala parti fil-kawża jew jirrendih tabilfors bħala l-kontradittur leġittimu tal-parti attriċi. Is-sentenza msemmija mill-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu ma tgħin xejn biex iwaqqa' l-eċċezzjoni mqajma mill-Avukat Ġenerali dwar il-post tiegħu f'din il-kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni hija tajba u sejra tilqagħha billi teħles lill-imħarrek Avukat Ġenerali milli jibqa' fil-kawża;

Illi dwar it-**tieni eċċezzjoni preliminari**, il-Kummissarju mħarrek jgħid li bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) wara l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali, il-kwestjoni ngħalqet darba għal dejjem billi dik il-Qorti kienet illikwidat kumpens lill-attur għall-ħsara li ġarrab minħabba dak il-ksur;

Illi fis-sewwa, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, il-Kummissarju ma tantx iżid dwar din l-eċċezzjoni tiegħu, ħlief biex jgħid li r-rimedju ta' kumpens mogħti lill-attur fil-kawża ta' ksur ta' jedd fundamentali jagħlaq il-bieb għal kull talba oħra tad-danni li l-attur jista' jippretendi b'din il-kawża tiegħu tal-lum;

Illi min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab dan l-argument tal-Kummissarju billi jgħid li d-danni likwidati fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru tal-2002 kienu danni morali minħabba l-ksur tal-jedd fundamentali li huwa kien ilment minnu. Huwa jisħaq li din il-kawża tirreferi għad-danni "attwali" li huwa ġarrab minħabba l-proċedimenti meħuda kontrih u ma għandhomx x'jaqsmu mad-danni l-oħrajn imsemmija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[28], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[29];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, il-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[30];

[28] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[29] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[30] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[31] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[32];

Illi biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat iridu jirriżultaw flimkien tliet elementi: jiġifieri, l-istess persuni (*eadem personas*), l-istess oġġett (*eadem res*) u l-istess kwestjoni (*eadem causa petendi*) li tkun inqatgħet bis-sentenza ta' qabel. In-nuqqas ta' waħda minn dawn it-tliet elementi jwaqqa' wkoll l-eċċezzjoni tal-ġudikat[33]. Biex jissussisti l-element tal-identita' tal-kwestjoni, jeħtieġ li l-kwestjoni tkun diġa' ffurmat "il-mertu tal-konjizzjoni ġuridika preċedenti konkluża b'sentenza"[34];

Illi fil-kawża tal-lum, jidher li l-elementi mitluba mil-liġi biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma jirriżultawx kollha. Ibda biex, dwar l-element tal-identita' tal-persuni, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn, jirriżulta li f'din il-kawża hemm imħarrek il-Kummissarju tal-Pulizija, li fil-kawża 'kostituzzjonali' ma kienx parti. Minbarra f'dan, filwaqt li fil-kawża l-oħra, l-Avukat Ġenerali kien l-intimat waħdieni, f'din il-kawża diġa' rajna li lanqas ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi n-nuqqas ta' dan l-element huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[35];

Illi għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[36]. Dan jinkwadra ruħu

---

[31] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[32] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)
[33] Ara, per eżempju, P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmea Paċe vs Edward Pavia***
[34] Ara, per eżempju, App. Inf. **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Lanzon et vs Charles Żammit Cordina***
[35] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)
[36] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)

f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[37];

Illi minn dak li joħroġ minn qari tar-Rikors Maħluf, l-azzjoni hija waħda ta' danni. L-imħarrkin jisħqu li permezz tas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru, 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeterminat jew stradat kull pendenza li seta' kien hemm bejn l-attur u l-Istat Malti dwar il-ħsara li ġarrab fil-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Iżidu jgħidu li bis-saħħa ta' dik is-sentenza, lanqas kien meħtieġ li tinbeda kawża oħra għad-danni, ladarba dik il-Qorti kienet illikwidat somma li dehrilha xierqa minħabba l-ksur tal-jedd fundamentali tal-attur;

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mal-attur f'dan ir-rigward. Il-kawża li għandna quddiemna llum hija waħda li tirrigwarda oġġett li l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ma iddeċidietx dwaru;

Illi, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel ukoll, fejn l-identita' tal-ħaġa li tintuża biex issejjes l-eċċezzjoni tal-ġudikat trid toħroġ b'mod ċar, allura f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni għandha titwarrab;

Illi l-istess jista' jingħad dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[38];

[37] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***
[38] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet *Grima vs Fava et*[39] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[40] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-attur jgħid li dan l-element tal-ġudikat ma jeżistix fil-każ tiegħu, għaliex kulma qiegħed jitlob f'din il-kawża huwa dak li dwaru ma ngħata l-ebda provvediment fl-ebda sentenza. In-natura tal-azzjoni nnifisha wkoll hija għal kollox differenti minn dik li fuqha nbniet il-kawża kostituzzjonali. Il-fatt li wħud mill-premessi tal-kawża attriċi jitilqu minn dak li ddeċidiet il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-imsemmija sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2002, ma jfissirx b'daqshekk biss li l-kawża tal-lum qiegħda terġa' tiftaħ kwestjoni magħluqa b'dak il-ġudikat. Hekk ukoll jista' jingħad dwar il-bażi ġuridika tal-pretensjoni tat-talbiet attriċi u l-kriterji tal-kumpens minnu pretiż;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li jonqos ukoll it-tielet element meħtieġ biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt eżami;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari mhijiex sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-**azzjoni fil-mertu tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin dwarha** jibda biex jingħad li l-attur isejjes din l-azzjoni tiegħu fuq il-ħtija akwiljana.

Illi l-attur jagħraf li f'ċirkostanza bħal din jeħtieġlu jipprova kemm il-ħtija tal-Kummissarju, kemm ir-rabta bejn l-għemil tal-istess Kummissarju mad-danni mġarrbin, u kif ukoll li ġarrab danni u fiex jikkonsistu. F'dan il-każ, jidher li l-attur jorbot il-ħtija tal-Kummissarju mal-fatt li l-proċeduri kriminali mnedijin fil-konfront tiegħu damu sejrin tnax-il (12) sena u jsemmi s-sentenza tal-Qorti fil-kawża kostituzzjonali tiegħu bħala prova ta' dan. Huwa jgħabbi lill-imħarrek Avukat Ġenerali bir-responsabbilta' għad-danni minħabba li jgħid li dan iwieġeb għad-dewmien fit-tmexxija tal-proċeduri kriminali; u jgħabbi lill-Kummissarju mħarrek bħala dak li

[39] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[40] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.

ikkontribwixxa biex tellef lill-attur l-elevazzjoni tiegħu għall-grad ta' Spettur;

Illi, min-naħa tiegħu, il-Kummissarju mħarrek jisħaq li huwa mexa għal kollox mar-regolamenti fis-seħħ u ħaddimhom għall-każ tal-attur bħalma jitħaddmu ma' kull ħaddieħor li jsib ruħu fl-istess ilma. Il-Kummissarju jgħid li ma ħax id-deċiżjoni minn rajh biex jinterdiċi lill-attur mis-servizz, iżda li din id-deċiżjoni kienet l-effett dirett li l-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti inkwirenti) kienet uriet il-fehma li l-attur, u oħrajn, kellhom iwieġbu għal għemilhom li seta' jagħti lok għal proċeduri kriminali minħabba l-gravita' tal-istess għemil. Iżid jgħid ukoll li, safejn kien jirrigwarda l-Pulizija bħala prosekuzzjoni fil-proċedimenti msemmija, dawn tmexxew b'għaqal u bla tnikkir min-naħa tal-Korp. Għalhekk, huwa jqis li l-attur ma jistax jgħabbih bir-responsabbilta' għad-danni li jallega li ġarrab;

Illi l-kwestjoni li tqum minn dan kollu hi jekk il-Kummissarju jridx iwieġeb lejn l-attur għall-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab matul iż-żmien li l-proċeduri kriminali kienu qegħdin jitmexxew kontrih u sakemm inqatgħu bid-deċiżjoni li huwa ma kienx jaħti għall-ebda waħda mix-xiljiet mressqa kontrih;

Illi l-attur jagħraf li hekk kif intemmu dawk il-proċeduri, il-Kummissarju ma damx ma reġa' kiseb ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex jerġa' jdaħħal lill-attur għax-xogħol. Il-Qorti tagħraf ukoll li l-attur iddaħħal fi grad ta' Surġent li kien ogħla minn dak li kien jinsab fih meta kien interdett. Tqis ukoll li s-somma li tħallas kienet tgħodd fiha l-ħlasijiet kollha tas-salarju li kienu nżammu matul is-sospensjoni u kif ukoll iż-żidiet statutorji u dawk kontrattwali li kienu dovuti u kien jieħu li kieku ma kien qatt ġie sospiż;

Illi għalhekk l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti jdur maż-żmien li l-attur dam sospiż. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li s-sanzjonijiet meħudin kontra l-attur min-naħa tal-Kummissarju sakemm kienu mexjin il-proċeduri msemmija kienu kollha sanzjonijiet maħsuba mir-Regolamenti fis-seħħ. L-attur innifsu ma jilmenta bl-ebda mod li s-sanzjoni tal-interdizzjoni ma messhiex ittieħdet kontra tiegħu. Il-Qorti wkoll, wara li rat id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti relativi, ssib li l-miżuri meħuda (dejjem fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-kunsens tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru) kienu kollha jaqgħu fil-parametri ta' dak preskritt mir-Regolamenti li dak inhar kienu fis-seħħ[41]. Il-miżuri meħuda kienu deliberati mill-organi istituzzjonali kompetenti u

[41] Reg 4(2) u 4(3) tal-A.L. 5 tal-1977

f'ċirkostanzi li kienu ta' serjeta' u rilevanza tali li jiġġustifikaw it-teħid tal-miżuri li ttieħdu[42];

Illi, minbarra dan, meta l-attur talab lill-Kummissarju biex iħallih jaħdem xogħol '*part time*' sakemm idum hekk interdett, il-Kummissarju ma damx biex jagħti l-kunsens tiegħu;

Illi ladarba l-azzjoni tal-lum hija waħda mibnija fuq il-kawżali tal-ħtija akwiljana u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, biex ikun jista' jingħad li persuna taħti lejn oħra għall-ħsara li ssir b'għemilha, jeħtieġ li l-persuna mġarrba turi li l-għemil kien wieħed li jikser il-liġi jew magħmul b'nuqqas jew traskuraġni fit-twettiq ta' dmir impost mil-liġi[43]. Fuq kollox, minbarra li trid turi wkoll ir-rabta bejn l-għemil u l-ħsara mġarrba bħala effett dirett, irid jintwera x'kienet il-ħsara li ġġarrbet. Fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li għadda minn dak li għadda bi ħtija tal-Kummissarju (u tal-Avukat Ġenerali);

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-mod kif mexa l-Kummissarju fiċ-ċirkostanzi li żviluppaw bil-ħruġ tal-akkużi kriminali fil-konfront tal-attur ma jistax jitqies li kien wieħed kapriċċuż jew maħsub li jġiblu ħsara. Huwa minnu li l-interdizzjoni fiha nnifisha u t-twaqqif mix-xogħol ġabu skumdita' u nisslu diffikulta' lill-attur u 'l familtu, l-iżjed fejn jirrigwarda l-qagħda finanzjarja. Minħabba l-element politiku kontroversjali marbut mal-każ, il-Qorti tifhem ukoll il-pressjoni, it-tbarrija u l-għajdut suspettużi li l-attur u l-familja tiegħu kellhom iġarrbu minħabba lsien in-nies u l-abbandun tal-ħbieb li kellhom qabel. Imma għal dawn, kif jaħti l-Kummissarju mħarrek?;

Illi fir-rigward ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha xieraq jingħad li huwa wkoll prinċipju aċċettat fil-qasam tal-ħtija akwiljana li mhux kull ħsara li sseħħ bl-għemil ta' persuna tagħti lill-persuna mġarrba r-rimedju tar-risarċiment tad-danni. Fuq is-saħħa tal-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, ikun jeħtieġ li l-parti mġarrba turi b'aktar qawwa li l-ħsara minnha mġarrba minħabba l-għamil ta' min kien qed jinqeda minn dritt tiegħu kienet ħsara li jistħoqqilha tingħata kumpens[44], u f'kull każ trid turi li l-ħsieb tal-persuna l-oħra kien li jmexxi b'mod abbużiv u vessatorju[45];

Illi parti mid-danni li l-attur jippretendi f'din l-azzjoni tiegħu jikkonsistu fit-telf ta' xogħol b'sahra u telf ta' *allowances* li għalihom hu kien ikun

[42] Affidavit ta' Eric Serraċino f'paġ. 122 tal-proċess
[43] Artt. 1032(1) u 1033 tal-Kap 16
[44] Ara, P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd vs Joseph E. Gauċi et*** u P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd vs Dr Lilian Calleja Cremona***
[45] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

eliġibbli li kieku ma kienx interdett mix-xogħol. Malli ntemmu l-proċeduri kriminali, l-attur ingħata dak kollu li kien jistħoqqlu (magħduda salarji miżmuma, promozzjonijiet u żidiet relattivi) b'effett retrospettiv;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jkollha tqis li d-danni li l-attur qiegħed jippretendi jaqgħu taħt żewġ kategoriji: u jiġifieri (i) dawk dwar telf ta' sahra u telf ta' *allowances* u promozzjonijiet (ii) dawk dwar il-qagħda fiżika u psikika li sab ruħu fiha minħabba s-sopensjoni. Dwar l-ewwel kategorija, il-Qorti tqis li hija marbuta mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti fis-seħħ fiż-żmien relattiv. Dawk ir-regolamenti jipprovdi għar-radd lura lill-impjegat li jkun interdett tas-salarju[46] li jkun inżammlu matul iż-żmien tal-istess interdizzjoni. Ir-regolamenti ma jitkellmu dwar l-ebda sura oħra ta' kumpens, wisq anqas tal-ħlas ta' mgħaxijiet jew ħlas għal servizzi li setgħu ngħataw imma ma ngħatawx mill-uffiċjal pubbliku li jkun. Dwar it-tieni kategorija, l-Qorti tqis li ladarba ma sabitx li l-Kummissarju kien mexa b'mod mhux xieraq mal-attur fit-twettiq u l-ħarsien tal-istess regolamenti, ikun barra minn postu li l-istat ta' tensjoni u l-effetti psikoloġiċi li għadda minnhom l-attur jitqiegħdu f'ħoġor il-Kummissarju, għaliex tonqos ir-rabta kawżali bejn l-imġiba tiegħu u l-effetti mġarrba mill-attur;

Illi mbagħad, kif sewwa jgħid il-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur naqas għal kollox li jipprova b'mod xieraq li dak l-istat li kien jinsab fih l-attur ħalla fih ħsara jew debilita' li ma tgħaddix;

Illi lanqas ma jidher li l-attur għandu raġun dwar it-telf ta' opportunitajiet li japplika għall-ħatra ta' Spettur għaż-żmien kollu li kien sospiż;

Illi huwa minnu li f'xiehda mogħtija fil-proċeduri 'kostituzzjonali' xhud qal li l-attur ma setax japplika f'sejħat għall-mili ta' karigi sakemm dam hekk sospiż[47]. Iżda dik ix-xhieda mhijiex ta' min joqgħod fuqha. Fl-ewwel lok, xhieda oħra li ngħatat waqt is-smigħ ta' din il-kawża tgħid il-kontra ta' dak li ssemma[48]. Fit-tieni lok, ir-Regolamenti nfushom ma jżommu lil ebda uffiċjal pubbliku li jkun sospiż milli jressaq applikazzjoni għall-mili ta' kariga jekk ikun eliġibbli għaliha. Fit-tielet lok, jidher li din il-qagħda kienet mistħarrġa wkoll mill-Qrati tagħna li waslu għall-istess fehma wkoll[49];

---

[46] Fir-Reg. 2 tal-A.L. 5 tal-1977 imfisser bħala "*is-salarju bażi jew, skond il-każ, il-paga bażi*" (l-istess tifsira nżammet fir-Reg. 2 tal-A.L. 186 tal-1999)
[47] Xhieda tas-Suprintendent Ronald Kelly f'paġ. 82 tal-atti tal-kawża 751/00GCD
[48] Xhieda tal-Ispettur Simon Galea u ta' Eric Serraċino f'paġġ. 88 u 122 tal-proċess
[49] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **27.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Ċilia vs Kummissarju tal-Pulizija et***

Illi fil-każ tal-lum, ħareġ mill-provi mressqa li, sa qabel ma l-attur kien interdett, kienu saru mill-anqas tliet (3) sejħiet minn fost l-uffiċjali tal-Korp għall-mili ta' kariga ta' Spetturi u l-attur ma applika fl-ebda waħda minnhom. Hekk ukoll, kienu saru żewġ (2) sejħat matul iż-żmien li kien sospiż u lanqas f'dawk l-okkażjonijiet ma kien ressaq talba. Saż-żmien li kienu qegħdin jinġabru l-provi f'din il-kawża, kienu saru żewġ (2) sejħat oħrajn għall-mili ta' karigi ta' Spetturi wara li l-attur kien reġa' ddaħħal fil-Korp, u lanqas f'dawk l-okkażjonijiet ma applika. Fil-fehma tal-Qorti dan idgħajjef mhux ftit il-pretensjoni tal-attur li ġarrab danni minħabba t-telf ta' opportunita' għal promozzjoni fil-grad ta' Spettur;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba tal-attur ma tistax tintlaqa' għaliex ma ntweriex tajjeb biżżejjed u kif trid il-liġi li l-ħsara li ġarrab l-attur kienet ir-riżultat ta' xi mġiba abbużiva jew illegali tal-Kummissarju mħarrek li għaliha hu jaħti fil-konfront tal-attur. Ifisser ukoll li ż-żewġ talbiet l-oħra tal-attur ukoll ma jistgħux jintlaqgħu, minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

Illi dwar it-tieni talba l-Qorti tgħid biss li fir-rigward tad-danni li l-attur qal li ġarrab, matul iż-żmien li kienu qegħdin jinġabru l-provi, kien issemma bosta drabi li kellu jressaq prospett dettaljat bit-tismija tad-danni li kien qed jippretendi. Dak il-prospett ma tressaq qatt. Minflok, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur qal li "*għalkemm huwa diffiċli li forsi wieħed jistabilixxi preċiżament dak li ai fini u effetti tal-liġi hu t-telf li sofra l-attur, ċertament li din il-Qorti għandha tuża l-poter diskrezzjonali tagħha ħalli tillikwida somma a bażi ta' valutazzjoni ekwitattiva*"[50];

Illi l-Qorti qegħda ssemmi dan għaliex ma ssibx li huwa sewwa li l-ewwel il-parti attriċi tallega li ġarrbet danni u taf f'liema rigward hija tqis li tkun ġarrbet telf bħal dak, imbagħad tonqos għal kollox milli twettaq il-parti tagħha li tipprova x'inhuma tali danni u fiex jikkonsistu, billi tistkenn wara l-appell lejn is-sens ta' ekwita' tal-Qorti u tippretendi mingħandha likwidazzjoni *arbitrio boni viri*;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-imħarrek Avukat Ġenerali ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u qiegħda għalhekk teħilsu milli jibqa' iżjed fil-kawża, bi spejjeż għall-attur;

[50] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 200 tal-proċess

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt billi l-azzjoni mibdija mill-attur mhijiex milquta mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija fil-kawża li huwa kien fetaħ dwar l-ilment tiegħu ta' ksur ta' jedd fundamentali;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-attur ma weriex tajjeb biżżejjed li l-Kummissarju mħarrek jaħti għall-ħsara mġarrba minnu minħabba l-proċeduri kriminali li għadda minnhom u li minnhom kien liberat;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** Kummissarju tal-Pulizija fil-mertu; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Marzu, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**10 ta' Marzu, 2016**